**10 ta' Diċembru, 1962.**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Antonio Polidano

*versus*

Maria Rosaria Gauci et.

**Ċitazzjoni — Sentenza — Notifika — Nullità — Nota tal-Eċċezzjonijiet — Appell — Art. 184, 792(2), 227(2) u (5), u 793 tal-Kap. 15.**

*Il-liġi trid illi, meta tiġi notifikata kopja waħda ta' att ġudizzjarju għal aktar minn persuna waħda, jeħtieġ li ta' din iċ-ċirkustanza ta' notifika konġunta ssir menzjoni anki fl-istess kopja; u fil-prattika hekk ukoll isir. Iżda dan in-nuqqas ma jġibx għan-nullità tan-notifika, jekk din l-irregolarità ma tkunx ġiebet ebda preġudizzju lill-parti nteressata. Hekk, fil-każ li dan in-nuqqas javvera ruħu fin-notifika ta' att ta' ċitazzjoni, ma jkunx hemm nullità tan-notifika jekk il-konvenuti jippreżentaw in-nota tal-eċċezzjonijiet; u dan avvolja dik in-nota tiġi in segwitu sfilzata għal raġunijiet oħra.*

*Jekk il-Qorti tordna l-isfilz tan-nota tal-eċċezzjonijiet, u l-konvenut jiddikjara li jrid jappella mid-digriet li ordna dak l-isfilz, il-Qorti ma għandhiex taqta' l-kawża "seduta stante", imma għandha tissoprassjedi sakemm isir l-appell preannunzjat, u tistenna li jinqata' dak l-appell, jew tkompli sejra l-quddiem bil-kawża jekk l-appell ma jsirx fiż-żmien legali. Il-vjolazzjoni ta' dan il-preċett iġib in-nullità tas-sentenza.*

*U f'każ bħal dan in-nullità ma tkunx tali li ma għandhiex tiġi pronunzjata jekk is-sentenza tinstab li hi sostanzjalment ġusta; u l-atti għandhom jiġu rinvijati lill-Ewwel Qorti biex il-kawża tiġi trattata mill-ġdid; iżda qabel trid tiġi determinata fl-appell il-kwistjoni jekk il-konvenut kienx kontu-*

*maċi jew le minħabba illi bl-isfilz tan-nota tal-eċċezzjonijiet huwa jiġi kontumaċi, jiġifieri jrid jiġi maqtugħ mill-appell jekk id-digriet tal-isfilz għandux jiġi mantenut jew le.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u provvediment opportun, billi l-attur fit-8 ta' Ġunju 1951 kien iddepożita fil-Bank tal-Gvern is-somma ta' £235 b'librett intestat għal Maria Rosaria Gauci, biex tagħmel tajjeb din is-somma għall-ħlas tar-retta alimentarja ta' 1s.6d. kull-jum li l-attur kellu jgħaddi lill-konvenut Rosario Gauci, iben naturali tal-konvenuta l-oħra Maria Rosaria Gauci, u li allura kien għadu minorenni; u billi fil-librett fuq imsemmi tal-Bank tal-Gvern, li jġib in-numru 45989, jirriżulta bilanċ eżistenti fil-31 ta' Marzu 1961 ta' £46.6.8; u billi fil-Volum tal-Ipoteki tar-Reġistru Publiku, b'nota numru 2288/1943, tinsab inskritta ipoteka ġenerali kontra l-attur a favur tal-konvenut Rosario Gauci in garanzija tal-ħlas tal-istess retta alimentarja sakemm huwa jilħaq il-maġġjoretà; u billi l-konvenut Rosario Gauci laħaq il-maġġjoretà fis-26 ta' Ottubru 1960; prevja d-dikjarazzjoni li ma hemmx aktar lok għall-garanzija tal-ħlas tar-retta alimentarja, la bid-depożitu fuq imsemmi u lanqas bl-inskrizzjoni ipotekarja fuq imsemmija, talab li l-konvenuta Maria Rosaria Gauci tiġi kundannata tħallas lill-attur is-somma ta' £46.6.8, jew kwalunkwe ammont verjuri li kellu jakkumula fl-imsemmi librett bl-interessi skaduti sal-jum tal-pagament, salv illi l-istess konvenuta tiġi awtorizzata tiżbanka mill-Bank tal-Gvern kwalunkwe bilanċ eżistenti fil-librett numru 45989 ġa msemmi; u li din il-Qorti tordna l-kanċellament tal-inskrizzjoni ipotekarja fuq imsemmija numru 2288/1943 mill-Volum tal-Ipoteki tar-Reġistru Publiku. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tad-digriet numru 316/1962 quddiem is-Sekond'Awla ta' dik il-Qorti;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Mejju 1962, li fil-kontumaċja tal-konvenuti, iddeċidiet billi laqgħet it-talba attriċi għall-ammont ta' £46.6.8, oltre l-imgħax tal-Bank tal-Gvern mill-ewwel ta' April 1961 sal-jum tal-pagament, ladarba l-flus għadhom hemm depożitati, u a skans

ta' spejjeż awtorizzat lill-konvenuta, jew min bi dritt bejn iż-żewġ konvenuti, li jirtira l-flus depożitati fil-librett imsemmi, sabiex jitħallas l-instanti; u kontestwalment laqgħet it-tieni talba; u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża u mitluba jitħallsu mill-konvenuti, u dawk tal-kanċellament talipoteka mill-instanti. Dik il-Qorti kkunsidrat;

Mid-depożizzjoni tal-attur it-talba attriċi tidher soddisfaċentement pruvata; inkwantu, però, għall-ispejjeż talkanċellament tal-ipoteka fir-Reġistru Publiku numru 2288/1943, l-istess għandhom indubbjament imorru għall-attur; dawk tal-kawża, peress li l-konvenuta kienet ġiet mitluba biex tikkonsenja l-flus qabel il-kawża u meta binha Rosario kien għalaq tmientax il-sena, u t-tnejn, milli jidher, ma riedux u kwindi l-kawża ġiet minnhom provokata, l-ispejjeż tagħha għandhom imorru għalihom;

Rat fil-fol. 22 in-nota tal-appell tal-konvenuti, u fil-fol. 23 il-petizzjoni tagħhom, fejn talbu li tiġi revokata s-sentenza fuq imsemmija, u li, safejn hu neċessarju għall-finijiet tal-liġi, u jekk hu neċessarju, tirrevoka wkoll iddigriet tas-26 ta' Mejju 1962;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, fuq l-inċidenti preliminari (fol. 41);

Fuq l-aggravju dedott fil-para. nru. (1) fol. 24;

Hu veru li, għat-termini tal-art. 184 tal-Kap. 15 Ediz. Riv., meta, għas-sens ta' dak l-artikolu, tiġi notifikata kopja waħda ta' att għal aktar minn persuna waħda, allura jeħtieġ li ta' din iċ-ċirkustanza, ta' notifika konġunta, issir menzjoni anki fl-istess kopja; u fil-prattika dan isir billi fuq il-kopja jinkiteb mhux biss l-indirizz, imma anki l-isem tal-persuni notifikandi flimkien. Issa f'dan il-każ, għalkemm a tergo taċ-ċitazzjoni, di kontro għall-indirizz talkonvenuti, hemm il-kelma "jikkoabitaw", u għalkemm fir-riferta fuq id-dahar tal-istess ċitazzjoni hemm imsemmi li ġiet notifikata kopja waħda għat-tnejn, eppure fuq ilkopja fol. 26 ma hemmx ħlief l-indirizz komuni, iżda ma hemmx l-ismijiet tan-notifikandi;

Però, dan in-nuqqas ma jistgħax iġib għan-nullità tan-notifika; għaliex, mentri ebda nullità ma hi għal daqshekk espressament komminata mill-liġi, ma jirriżultax li din l-irregolarità ġiebet preġudizzju għall-partijiet konvenuti, in kwantu li dawn aċċettaw dik in-notifika bil-fatt li ppreżentaw in-nota tal-eċċezzjonijiet, għad li din ġiet sfilzata, imma għal raġunijiet oħra. Kien ikun talvolta divers il-każ kieku r-Reġistratur ma aċċettax affattu n-nota tal-eċċezzjonijiet minħabba li kienet skompanjata mid-dikjarazzjoni meħtieġa; għaliex f'każ simili kien jista' jingħad, b'parvenza ta' raġun, illi l-Qorti ma tistgħax tieħu kont ta' dik in-nota sabiex bis-saħħa tagħha tiġi sanata n-notifika, għaliex, la ma ġietx lanqas biss riċevuta fir-Reġistru, allura għandha titqies bħala biċċa karta privata li baqgħet fil-pussess tad-difensur. Imma sta di fatto li r-Reġistratur irċeviha, u għalhekk, almenu għal xi żmien, ċjoè sakemm ġiet sfilzata, dik in-nota saret att ġudizzjarju, li tiegħu l-Qorti tista' tieħu kont biex tgħid li preġudizzju ma kienx hemm, u kwindi ma kienx hemm nullità, għas-sens tal-art. 792(2) Proċ. Ċiv.;

Ikkunsidrat, fuq l-aggravju l-ieħor dedott fil-para. (2) fol. 24;

Malli ngħata d-digriet fol. 9, li bih ġiet sfilzata n-nota tal-eċċezzjonijiet, id-difensur tal-konvenuti ddikjara li kien sejjer jinterponi appell minnu (fol. 3); iżda l-Ewwel Onorabbli Qorti pproċediet biex tagħti s-sentenza fil-meritu "seduta stante", għar-raġuni minnha espressa, fis-sens li l-konvenuti kienu jistgħu jappellaw mid-digriet flimkien mal-appell mid-deċiżjoni finali fil-meritu;

Ikkunsidrat;

Il-para. (5) tal-art. 227 Proċ. Ċiv. jgħid li ma għandhiex tiġi deċiża l-kawża sakemm jinqata' l-appell mid-digriet ħlief f'xi każ li ma hux rilevanti għall-fattispeċje. Din id-dispożizzjoni hi "mandatory", jew imperattiva;

Issa, hu ċar li din il-projbizzjoni tkun tista' tiġi faċilment trasandata jekk il-Qorti tkompli għaddejja "illico et incontinenti" għad-deċiżjoni fil-meritu (kif sar f'dan il-

*każ)*, bla ma tagħti *lill-persuna kolpita bid-digriet iż-żmien* materjali ħalli tagħmel dan l-appell (fol. 41). Il-para. (2) u (5) tal-art. 227 fuq imsemmi għandhom loġikament jiġu nterpretati bħala li jfissru li f'każijiet simili l-Ewwel Qorti għandha almenu tistenna li jgħaddi t-terminu ta' jumejn biex tissoprassjedi jekk l-appell preannunzjat fil-fatt isir, u *tkompli* għaddejja l-quddiem jekk ma jsirx. Id-dikjarazzjoni formali li tagħmel il-parti, li hija sejra tappella (fol. 8), għandha raġjonevolment titqies bħala pass fl-"iter" tal-appell sat-terminu ta' jumejn;

Ir-raġuni espressa mill-Ewwel Onorabbli Qorti fol. 8, fis-sens li l-appell mid-digriet jista' dejjem isir mal-appell mis-sentenza finali, bir-rispett *kollu* dovut *lil dik il-Qorti* ma tantx hu konvinċenti; għaliex jista' faċilment jiġi replikat li l-parti li tippretendi ruħha aggravata bid-digriet għandha dritt li tagħżel bejn l-appell li jsir qabel u dak li jsir flimkien mal-appell mis-sentenza finali, u, kieku kien sewwa l-motiv tal-Ewwel Qorti, allura dan id-dritt ta' xelta jiġi newtralizzat;

Għalhekk id-deċiżjoni mogħtija in vjolazzjoni tal-art. 227 Proċ. Ċiv. fuq imsemmi kienet nulla;

Lanqas huwa l-każ tal-applikazzjoni tal-art. 793 tal-Kap. 15 Ediz. Riv., fis-sens li l-eċċezzjoni ta' nullità ma tiġix attiża jekk id-deċiżjoni tinsab li hija sostanzjalment ġusta; għaliex dak l-artikolu jeċċettwa, "nter alia", il-każ ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni, u meta riferibbilment għal każ bħal dan, il-liġi qalet fl-art. 227 "Il-kawża fil-Qorti tal-Ewwel Grad ma tiġix maqtugħa sakemm ma jġix deċiż dak l-appell .....", b'daqshekk l-Ewwel Qorti kienet qegħdha tiġi "pro tempore" żvestita mill-ġurisdizzjoni tagħha li tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża; u għalhekk każ simili hu ekwiparabbli għall-każ eċċettwat ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni. Hu ta' nteress li jiġi rilevat li fin-nota marġinali tat-test ingliż għall-art. 227 hemm il-kliem "Stay of Proceedings in First Instance pending Appeal"; dan kien hemm anki fit-test taljan antik — "soprassessione della causa in prima istanza in pendenza di tale appello";

Ikkunsidrat;

Illi għalhekk din il-Qorti għandha tirrinvija l-attijiet quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiġi mill-ġdid trattata, anki għall-benefiċċju tad-doppju eżami; imma qabel ma jsir dan jeħtieġ li tiġi determinata l-kwistjoni jekk il-konvenuti humiex jew le kontumaċi, ċjoè jekk għandux jiġi revokat jew mantenut id-digriet fol. 9 tas-26 ta' Marzu 1952 — revoka mitluba fil-petizzjoni oltre r-revoka tal-meritu; jeħtieġ li tiġi deċiża din il-kwistjoni, għaliex inkella l-Ewwel Qorti, li lilha jiġu rimessi l-attijiet, fin-nuqqas ta' dik id-determinazzjoni jerġa jkollha l-ostakolu tal-para. 5 tal-art. 227. Il-verbal fol. 41 jillimita d-deċiżjoni, għal issa, għal dawk iż-żewġ punti; u għalhekk il-Qorti mhijiex qegħdha taqta' l-kwistjoni tal-kontumaċja. Hu spedjenti, għalhekk, li għal issa dan l-appell jitkompla fuq din il-kwistjoni tal-kontumaċja, biex mbgħad il-kawża tiġi rimessa lill-Qorti tal-Ewwel Istanza, tant jekk jiġi revokat kemm jekk jiġi konfermat id-digriet impunjat. Il-kumplament tal-appell, fil-meritu, jinsab eżawrit bil-fatt li s-sentenza sejra tiġi dikjarata nulla;

Għalhekk tiddeċidi billi, għar-raġuni fuq indikata, tiddikjara nulla s-sentenza pronunzjata mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Mejju 1962; tiddikjara għalhekk eżawrit l-appell in kwantu jirrigwarda l-meritu ta' dik is-sentenza; tirriżerva li tirrinvija l-attijiet lill-Qorti tal-Ewwel Istanza appena jiġi deċiż minn din il-Qorti, fuq l-istess petizzjoni tal-konvenuti, l-appell dwar il-punt tal-kontumaċja, liema punt hu dak investit bid-digriet impunjat fol. 9; infine, kwantu għall-ispejjeż, tirriżerva li tiddeċidihom meta tagħti d-deċiżjoni fuq l-inċident tal-kontumaċja. Għalhekk, fil-waqt li għal issa tipprovdi fuq l-appell b'dan il-mod, tordna l-prosekuzzjoni tat-trattazzjoni tal-appell dwar l-inċident tal-kontumaċja;